MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2622/2000/1

**Carmen ŻAMMIT f'isimha personali u Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Louisa Tufigno li b'Degriet tas-16 ta' Jannar, 2001, ġew nominati bħala Kuraturi *ad litem* tal-minuri Aloysia Dadouch li twieldet fil-5 ta' Novembru, 2000**

**vs**

**Wail DADOUCH u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Diċembru, 2000, li bih l-attriċi ippremettiet:

Illi l-attriċi Carmen Zammit kellha relazzjoni extra-maritali, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri Aloysia fil-5 ta' Novembru, 2000, fl-Isptar San Luqa;

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess tarbija ġie mnizzel bħala missier it-tarbija l-isem u l-kunjom u l-konnotati kollha tal-konvenut Wail Dadouch (Dok. A);

Illi l-attriċi ilha separata de facto għal snin minn mal-konvenut Wail Dadouch fl-liema perjodu hija qatt ma kellha ebda relazzjoni mal-konvenut Wail Dadouch;

Illi t-tarbija Aloysia, għalhekk, m'hijiex il-wild naturali tal-konvenut Wail Dadouch;

Illi meta saret talba lill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra l-minuri fuq isem missier mhux magħruf, dan irrifjuta;

Għalhekk 1-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri Aloysia li twieldet fil-5 ta' Novembru, 2000, m'huwiex il-konvenut Wail Dadouch, izda missier mhux magħruf;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonjiet kollha neċessarji fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tat-tarbija msemmija u partikolarment fil-kolonni intitolati: *Isem u Kunjom Missier it-Tarbija, Id-Dokument ta' l-Identita; Eta'; Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet*, jiġi sostitwit l-isem ta' Wail Dadouch" bl-informazzjoni "missier mhux magħruf";

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-18 ta’ Diċembru, 2000, li bih ċaħdet it-talba tal-attriċi biex tinħatar kuratriċi *ad litem* tal-minuri Aloysia Dadouch;

Rat in-Nota mressqa fis-7 ta’ Marzu, 2001, li biha l-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa:

1. Illi dwar il-mertu taċ-ċitazzjoni odjerna huwa mhuwiex edott mill-fatti kif allegati mill-attriċi;

2. Illi wkoll bla pregudizzju, għandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju, f'kaz li jintlaqgħu t-talbiet attriċi, għandhom jiġu kanċellati l-kliem "the said" mill- kolonna li tirreferi għal partikolaritajiet tal-omm;

4. Illi fi kwalunkwe każ, iċ-ċirkostanzi li taw lok għall-kawża odjerna huma għal kollox estranei għal konvenut li allura m'għandux jiġi soggett għall-ispejjeż tal-istanti;

5. Salvi eċċezzjoniijet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2001, li bih ordnat li ssir il-pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-kap 16;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fl-20 ta' Marzu, 2001, flimkien ma' kopja uffiċjali tal-att tat-twelid tal-minuri Aloysia Dadouch[1];

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta' Marzu, 2001, li biha l-imħarrek Wail Dadouch stqarr it-talbiet attriċi[2];

Rat l-Avviż pubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern fil-15 ta' Mejju, 2001[3], għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta'

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess
[3] Paġ. 29 tal-proċess

Malta, għal liema avviż l-ebda persuna ma ressqet xi oppożizzjoni għat-talbiet attriċi fiż-żmien mogħti mil-liġi;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fit-30 ta' Novembru, 2001[4], mehmużin ma' liema kien hemm ix-xhieda bl-affidavit tagħha u ta' Mazen Dadouch;

Rat id-Degriet kamerali tagħha tas-26 t'April, 2002[5], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ordnat it-tneħħija mill-atti tax-xhieda bl-affidavit tal-imħarrek Wail Dadouch;

Semgħet ix-xhieda tal-attriċi u tal-imħarrek Wail Dadouch;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2002, u tal-21 ta' Novembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tiftix ta' paternita' naturali maħsuba biex twaqqa' l-istat leġittimu tal-attriċi minuri. L-attriċi qegħda tgħid li t-tifla li welldet fil-5 ta' Novembru, 2000, m'hijiex ta' żewġha, imma bint ħaddieħor. Hija qegħda titlob li jiġi magħruf li l-imsemmija tifla m'hix bint l-imħarrek Wail Dadouch, imma bint missier mhux magħruf, u qegħda titlob ukoll li dan il-fatt jitniżżel fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri, li minnu qegħda titlob li titneħħa kull riferenza għall-imħarrek Dadouch;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek Wail Dadouch, żewġ l-attriċi, wieġeb billi qabel mat-talbiet attriċi. L-imħarrek l-ieħor, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, laqa' billi qal li l-fatti li qegħda ssemmi l-attriċi m'humiex xi ħaġa li kien imdaħħal fiom hu u għalhekk m'għandux ibati spejjeż, filwaqt li joqgħod għal dak li tista' tiddeċiedi l-Qorti;

[4] Paġġ. 35-7 tal-proċess
[5] Paġġ. 42-5 tal-proċess

Illi kienu l-Kuraturi *ad litem* li ressqu xi għamla ta' oġġezzjoni għat-talbiet attriċi, u dan waqt it-trattazzjoni tal-aħħar, u l-iżjed dwar l-interess tal-attriċi omm li tressaq din l-azzjoni;

Illi l-fatti ewlenin li jsawru l-każ juru li l-attriċi żżewġet lill-imħarrek fl-4 t'Awissu tal-1999[6], wara li kien ilhom joħorġu flimkien madwar seba' (7) xhur[7]. Fil-waqt taż-żwieġ, l-attriċi kien diġa' kellha tifla, Lianne Żammit, minn relazzjoni li hija kellha ma' wieħed Stephen Galea. Iż-żwieġ tal-attriċi ma' Dadouch ma rnexxiex, għaliex wara ftit xhur, reġgħet bdiet tiltaqa' ma' Galea u kien ikollha x'taqsam miegħu sesswalment ukoll. L-attriċi u Dadouch infirdu madwar erba' (4) xhur wara li tejġu, u wara li l-attriċi m'aċċettatx li tagħti kelma 'l żewġha li ma terġax tiltaqa' ma' Galea[8]. L-attriċi baqgħet sa ma spiċċat telqet mid-dar u ħadet magħha 'l bintha Lianne u marret tgħix f'dar fil-Floriana ma' l-imsemmi Stephen Galea. L-imħarrek baqa' jgħix fid-dar tiegħu fil-Floriana wkoll. F'Novembru, 2000, l-attriċi welldet 'il Aloysia. L-imħarrek fittixha wara t-twelid u seħaq magħha li t-tarbija ma tirreġistrahiex fuq ismu. Fil-15 ta' Diċembru, 2000, l-attriċi fetħet il-kawża;

Illi l-attriċi tgħid li riedet tirreġistra lil bintha bħala bint missier mhux magħruf, imma d-Direttur (jew rappreżentant tiegħu) ma riedx jagħti widen u nsista li jirreġistraha bħala bint Wail Dadouch. Kienet l-attriċi nnifisha li għamlet id-dikjarazzjoni fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri. L-attriċi tistqarr li Aloysia mhix bint l-imħarrek u li għandha relazzjoni kontinwa ma' Galea. L-imħarrek Dadouch qatt ma ra t-tarbija u l-attriċi qatt ma talbitu jħallasha manteniment għaliha. L-attriċi u l-imħarrek infirdu fil-fatt, imma ma ntweriex li nfirdu wkoll legalment: iż-żwieġ tagħhom ma jidhirx għalhekk li hu maħlul;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-każ, joħroġ li din l-azzjoni hija mibnija fuq dak li tipprovdi l-liġi dwar min jgħid li għandu stat ta' twelid li mhux dak muri fl-Att tat-

[6] Affidavit ta' Carmen Żammit 28.11.2001, f'paġ. 36 tal-proċess
[7] Xhieda Wail Dadouch 20.6.2002, f'paġġ. 49-51 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Mażen Dadouch 28.11.2001, f'paġ. 37 tal-proċess

Twelid tiegħu[9], u dan b'deroga għar-regola li wild imnissel fiż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu (*pater is est quem iustae nuptiae demonstrant*)[10]. L-effett ta' azzjoni bħal din hija li tneħħi lill-wild minn stat leġittimu u tagħtih stat ta' wild missier mhux magħruf;

Illi r-regola miġjuba fl-artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili hija meqjusa bħala waħda *juris tantum*, sakemm ma jintweriex li dak miġjub fl-Att tat-Twelid (l-istat leġittimu) hu rifless ukoll fil-pussess ta' stat li jaqbel mal-Att[11];

Illi billi l-liġi trid li ħadd ma jitħalla jwaqqa' l-istat leġittimu tiegħu jekk l-Att tat-Twelid jistabilixxi dan u jekk il-wild ikollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dan[12], allura f'każ li l-wild ikun fil-pussess ta' stat li ma jaqbilx mal-Att, l-azzjoni tista' tiġi mressqa. Fi kliem ieħor, f'azzjoni irid jintwera li l-istat leġittimu muri fl-Att tat-Twelid ma jaqbilx ma' dawk iċ-ċirkostanzi ta' stat li fosthom hemm uħud imsemmija fl-artikolu 80(2) tal-Kodiċi Ċivili[13]. Il-wild (jew min jaġixxi f'ismu) jeħtieġlu juri biss dan in-nuqqas ta' konformita' bejn l-istat leġittimu muri fl-Att tat-Twelid u l-pussess ta' stat differenti: ma hemm l-ebda limitazzjoni oħra għall-eżerċizzju tal-azzjoni, bħalma japplika fil-każ fejn terzi jattakkaw il-leġittimita' ta' wild taħt l-artikolu 77 tal-Kodiċi[14]. Għalhekk ingħad ukoll li l-fatt li żewġ l-omm ikun preżenti f'Malta u wkoll kien f'qagħda li jkollu relazzjonijiet mal-omm m'għandux ikun ta' xkiel fit-tiftix li jsir biex jiġi stabilit min hu l-missier naturali tal-wild[15]

Illi biex dan iseħħ, huwa meħtieġ li jinġiebu provi tajbin li juru li l-wild mhux bin żewġ l-omm. Dawn il-provi jistgħu jinstiltu minn ċirkostanzi li jkunu seħħew kemm qabel, kemm waqt u wkoll wara t-twelid[16]. Imma dawn il-provi jeħtieġ li jkunu preċiżi, konklussivi, u ta' min jorbot

[9] Ara artt. 81, 82 u 83 tal-Kap 16
[10] Art. 67 tal-Kap 16
[11] P.A. **14.10.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Orr noe vs Collison et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.768**)
[12] App. Ċiv. **5.3.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Pirotta noe vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.427**)
[13] Ara, per eżempju, P.A. **9.3.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Hughes pro et noe vs Borġ et noe*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.663**)
[14] App. Ċiv. **14.1.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Scerri Gauċi vs Scicluna noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.1)**
[15] Ara P.A. AJM 21.2.1996 fil-kawża fl-ismijiet *Ahar noe vs Micallef*
[16] App. Ċiv. **1.4.1927** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.764**)

fuqhom, ladarba jolqtu għal dejjem l-interessi tal-wild, l-iżjed jekk dan ikun għadu taħt l-eta' meta titmexxa l-kawża[17] (bħalma hu l-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum);

Illi minħabba li l-liġi tipprovdi[18] li l-istqarrija waħedha tal-omm fis-sens li żewġha m'huwiex missier il-wild m'hix biżżejjed biex teskludi l-paternita' tar-raġel, jitnissel fl-omm interess li l-istat ta' wliedha jiġi determinat ġudizzjarjament fuq talba tagħha, ukoll jekk bil-għan li wliedha ma jkunux suġġetti għal riskju li jiġu strumentalizzati mill-missier legali f'xi waqt f'ħajjithom. Dan l-interess huwa attwali u ġuridiku, fid-dawl tal-kwestjoni tal-kura u l-kustodja tal-wild;

Illi għalkemm il-liġi ma tgħidx espressament li l-wild jista' jressaq huwa nnifsu azzjoni bħal din fin-nuqqas ta' azzjoni minn żewġ l-omm biex jikkontesta l-paternita', huwa mifhum li dan jista' jsir ukoll jekk żewġ l-omm ma jqanqal xejn dwar il-paternita' dikjarata tal-wild fl-Att tat-Twelid[19]. F'dan ir-rigward ingħad li **"***... sarebbe assurdo che la legge ... volesse negare al figlio, destituito del possesso di stato di figlio legittimo, non riconosciuto dal padre, ... il diritto di provare di non essere il figlio del marito della donna che lo ha concepito per commercio adulterino..*"[20] Dan huwa ġustifikat bil-ħtieġa essenzjali li wild jinħeles mid-dubji dwar l-istat tiegħu, u jgħodd ukoll għall-każ fejn l-azzjoni titressaq minn xiħadd f'isem il-wild li għad m'għandux l-eta' li jista' jagħti kunsens[21];

Illi huwa minnu wkoll li f'xi każijiet ingħad li l-azzjoni ta' tiftix ta' paternita' naturali hu dritt esklussivament personali u subordinat għar-rieda u l-kunsens tat-titolari[22], u li, b'mod partikolari mara (l-omm) mhix il-persuna leġittima li tressaq kawża f'isem uliedha li twieldu minn

[17] P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et***
[18] Art. 70(2) tal-kap 16
[19] Ara App. Ċiv. **26.10.1914** fil-kawża fl-ismijiet ***Huber noe vs Mattei*** (Kollez. Vol: **XXII.i.177**)
[20] P.A. **30.10.1916** fil-kawża fl-ismijiet ***Sceberras vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXIII.ii.127**)
[21] Ara ***Orr noe vs Collison et*** (imsemmija fuq)
[22] Ara, per eżempju, P.A. **18.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri noe vs Xuereb et*** (Kollez Vol: **XLIV.ii.497**)

relazzjoni li kellha ma' raġel ieħor li mhux żewġha. Din il-Qorti, madankollu tqis u hija tal-fehma li dik il-linja ta' deċiżjonijiet ma kinitx mibnija fuq tifsira xierqa tal-liġi, imma fuq konsiderazzjonijiet ta' natura morali marbutin sfiq mal-epoka li fiha ngħataw. Meta llum il-ġurnata l-enfasi huwa iżjed fuq il-jedd ta' persuna li tkun taf sewwa min hi u x'inhuma l-oriġini tagħha, u meta d-distinzjoni (jekk mhux ukoll l-istigma) bejn wild "leġittimu" u wild "illeġittimu" qegħda titlef kulma jmur in-niġġieża tagħha, il-Qorti tasal biex tgħid li jidher iżjed xieraq li l-istat ta' wild ikun determinat u stabilit mill-aktar kmieni milli aktar tard fil-ħajja ta' dak li jkun. Fid-dinja li qegħdin ngħixu fiha, fejn l-iskedar u t-tagħrif dwar bniedem sar ħaġa waħda ma' kull pass li jrid jagħmel fil-ħajja, il-verita' dwar l-istat ta' persuna jisboq kull biżgħa dwar l-"ittimbrar" tagħha bit-"tikketta tal-illeġittimita'". Huwa għalhekk li jaqa' d-dmir li l-provi li jitressqu biex jistabikixxu l-istat mhux konformi mal-Att tat-Twelid iridu jkunu serji u sodi;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex iqis jekk il-provi mressqin f'din il-kawża jinkwadrawx irwieħhom fil-prinċipji hawn fuq imsemmija. Tibda biex tgħid li hu għal kollox inverosimili dak li l-attriċi tgħid b'ġurament fit-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni tagħha mehmuża mal-att taċ-Ċitazzjoni, fejn issemmi li "ilha separata *de facto* għal snin minn mal-konvenut". Asserzjoni bħal din hija assurda meta wieħed iqis li saret fil-15 ta' Diċembru, 2000, u meta rriżulta li hi u l-imħarrek iżżewġu f'Awissu ta' l-1999! Jiġi osservat ukoll in-nuqqas ta' provi u ta' xiehda li tressqu biex jissostanzjaw dak li l-attriċi tallega. Huwa minnu li l-għadd ta' provi mhux siewi daqs il-kwalita' tagħhom, imma l-Qorti ma tistax temmen li l-attriċi ma kellhiex xiehda aktar konsistenti xi tressaq kieku riedet;

Illi, madankollu, mill-ftit provi li tressqu, jidher li hemm elementi biżżejjed biex wieħed jista' jasal għall-fehma meqjusa u ċerta li l-imħarrek mhux missier il-minuri Aloysia. Fost dawn il-fatti wieħed isib dak tad-dissest fil-ħajja taż-żwieġ bejn l-attriċi u l-imħarrek, u kif ukoll il-fatt mhux kontestat li malli l-attriċi tbegħdet mid-dar taż-żwieġ, u sallum, intefgħet tgħix mar-raġel li hija tgħid li minnu nisslet iż-żewġ ulied li għandha (waħda minnhom

saħansitra sa minn żmien qabel ma ltaqgħet ma' u żżewġet lill-imħarrek Dadouch). Fatt ieħor huwa li l-attriċi qatt ma talbet lill-imħarrek iħallas manteniment għall-minuri, u li dan qatt ma fittex li jara lit-tifla. Minn twelidha, l-minuri Aloysia ma għexet qatt taħt is-saqaf tad-dar fejn jgħix l-imħarrek, u ma ntweriex li qatt inbena xi rapport li jista' jnissel xi ħolqa ta' affett bejniethom. Dawn il-fatti, għall-awturi, huma biżżejjed biex jagħtu konviċju ta' pussess ta' stat fil-minuri li ma jaqbilx ma' dak muri fl-Att tat-Twelid tagħha[23];

Illi fid-dawl tal-prinċipji msemmija iżjed 'il fuq, is-sottomissjonijiet magħmulin mill-Kuratur Deputat f'isem il-minuri waqt it-trattazzjoni tal-għeluq ma jidhirx li jsibu l-favur tal-liġi. Intwera li l-attriċi għandha interess li l-istat veru ta' bintha jiġi stabilit daqskemm għandha interess il-minuri li l-istat tagħha jiġi determinat malajr kemm jista' jkun. Lanqas ma jidhru siewja l-argumenti tal-abbli Kuratur Deputat fis-sens li l-imħarrek ma ressaq l-ebda azzjoni għaċ-ċaħda ta' paternita' jew li ma ntweriex li Wail Dadouch ma kienx fil-qagħda ta' impossibilita' fiżika li jkollu x'jaqsam mal-omm, għaliex intwera li dawn l-elementi ma jidħlux bħala aspetti kostitutivi tal-azzjoni intentata;

Illi, għalhekk, il-Qorti tasal biex issib li saret prova kif imiss li l-minuri Aloysia tħaddan stat li ma jaqbilx ma' dak ta' bint l-imħarrek kif dikjarat fl-Att tat-Twelid tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek Wail Dadouch, żewġ l-attriċi, mhux missier il-minuri attriċi Aloysia, mwielda mill-attriċi Carmen Żammit fil-5 ta' Novembru, 2000, u għalhekk l-imsemmija minuri tinsab fil-pussess ta' stat li ma jaqbilx ma' dak muri fl-Att tat-Twelid tagħha;

---

[23] Ara Ricci, *Corso di Diritto Civile*, Tit. V, Cap. II, Par 269, fejn fost iċ-ċirkostanzi probativi rilevanti f'dan ir-rigward jikkontempla s-separazzjoni ta' fatt bejn l-omm u żewġha, il-ħabi tat-tqala mir-raġel, u l-fatt li fil-waqt tat-tnissil tat-tarbija, l-omm kienet iffrekwentat raġel ieħor

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel it-tibdiliet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-minuri Aloysia li jġib in-Numru Progressiv erbat elef mitejn u erbgħa u għoxrin (4224) tal-elfejn (2000), fis-sens li taħt l-intestatura "*Tagħrif dwar Missier it-Tarbija: Isem u kunjom, Eta', Fejn Twieled, Fejn Joqgħod, Isem u kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet*" it-tagħrif indikat fl-Att jitneħħa u jidħlu minfloku l-kliem "Missier mhux magħruf";

Billi ma ntweriex li l-imħarrkin jaħtu għal dak li seħħ, **tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża**; u

**Tordna** lill-attriċi sabiex, għall-finijiet tal-artikolu 256(1) tal-Kodiċi Ċivili, tinnotifika lill-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'kopja vera ta' din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------